# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

### Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Ġunju 2024

**Rikors Nru: 409/2023**
**Nru fuq il-Lista: 5**

**Alexander Scerri [K.I. Numru 31044(M)]**
***vs***

**John maghruf bhala Ivan Laferla [K.I. Numru 435244 (M)], Mary maghrufa bhala May Laferla [K.I. Numru 483744(M)], u l-Awtorita` tad-Djar bhala *amicus curiae* iżda permezz ta' digriet datat 22 ta' Jannar 2024, l-Awtorita' tad-Djar ġiet indikata bħala intervenuta fil-kawża.**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur mressaq fis-27 ta' Lulju 2023[1], flimkien mad-dokumenti hemm annessi fejn *ad litteram* ġie premess u mitlub hekk:

1. ***Illi** r-rikorrent huwa s-sid tal-fond numru mitejn u tnejn u hamsin (252), gja numru mija hamsa u tletin (135), gja numru mija u hamsa u tletin*

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

*ittra A (135A), Triq Sant' Elena, Sliema ("**il-Fond**"), liema fond ir-rikorrent akkwistah permezz ta' wirt minghand Carmelo Scerri u martu Maria Scerri nee' Baldacchino.*

2. ***Illi,** bis-sahha ta' testment pubbliku unica charta datat is-16 ta' Ottubru, 1980, fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin, Carmelo Scerri u martu Maria Scerri nee' Baldacchino, hallew superstiti lil hames uliedhom Victor Scerri, Alexander Scerri, Joseph Scerri, Francis Scerri, llum Brother Jeffrey, u David Scerri, bhala eredi universali taghhom, (kopja tal-istess testment hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument A)**.*

3. ***Illi,** fost il-proprjetajiet li kienu jappartjenu lill-istess Carmelo Scerri u martu Maria Scerri nee` Baldacchino, llum it-tnejn defunti, huma kienu sidien tat-terran li kien numru mija erbgha u tletin (134), illum numru mitejn u tnejn u hamsin (252), Triq Sant' Elena, Tas-Sliema, liema terran kienu akkwistawh permezz ta' kuntratt ta' bejgh datat 7 ta' Dicembru, 1950, fl-attti tan-Nutar Victor Bisazza (kopja tal-kuntratt ta' akkwist hawn anness u mmarkat bhala **Dokument B**).*

4. ***Illi** di piu, permezz ta' kuntratt datat 24 ta' Awwissu, 1964 fl-atti tan-Nutar P. Pellegrini, l-istess Carmelo Scerri u martu Maria Scerri nee` Baldacchino akkwistaw il-mezzanin adjacenti numru 135, fi Triq Sant'Elena, Tas-Sliema, kopja tal-kuntratt ta' akkwist hawn anness u mmarkat bhala **Dokument C**.*

5. ***Illi** ghal kull buon fini, qieghed jigi ccarat illi l-proprjeta` soggetta ghal din il-kawza tifforma parti mit-terran numru 134 u l-mezzanin 135, li sussegwentement gew zviluppati fi blokk ta' appartamenti numru 256*

*gja numru 134, il-Fond in kwistjoni numru 252 gja 135A u garaxx numru 250 gja 135.*

6. **Illi,** *permezz ta' dikjarazzjoni causa mortis tad-defunt Carmelo Scerri fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin tat-22 ta' Ottubru, 1999, Victor Scerri, Alexander Scerri, Joseph Scerri, Francis Scerri, llum Brother Jeffrey, u David Scerri, akkwistaw nofs indiviz (1/2) tad-dar numru mija hamsa u tletin ittra A (135A), Triq Sant' Elena, Tas-Sliema, (kopja tad-dikjarazzjoni causa mortis hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dokument D****, kif ikkoreguta permezz ta' kuntratt ta' korrezzjoni datat 15 ta' Dicembru, 2006, hawn anness u mmarkat bhala* ***Dokument E****), filwaqt illi r-rimanenti nofs indiviz (1/2), appartenenti lid-defunta Maria Scerri nee` Baldacchino, gie akkwistat mill-imsemmija ahwa Victor Scerri, Alexander Scerri, Joseph Scerri, Francis Scerri illum Brother Jeffrey, u David Scerri permezz tal-imsemmi testment li gie anness bhala* ***Dokument A*** *u permezz ta' dikjarazzjoni causa mortis datata 22 ta' Settembru, 1997 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin (hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dokument F)****.*

7. **Illi,** *sussegwentement, permezz ta' kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin tal-15 ta' Novembru, 1999, ir-rikorrent akkwista l-fond numru mija hamsa u tletin ittra A (135A), Triq Sant' Elena, Tas-Sliema fl-intier tieghu, (kopja tal-imsemmi kuntratt ta' divizjoni hawn anness u mmarkat bhala* ***Dokument G)****.*

8. ***Illi l-Fond*** *imsemmi jinsab mikri lill-intimati John, maghruf bhala Ivan Laferla u Mary, maghrufa bhala May Laferla, ghal skop residenzjali, liema kirja ilha ezistenti minn qabel is-sena 1995. Tant illi, permezz ta' ittra datata 4 ta' Lulju 1983, Carmelo Scerri kien informa lil Ivan Laferla biz-zieda fil-kera ghal mitejn u sitta u disghin Liri Maltin (Lm*

*296) fis-sena, pagabbli bi tliet xhur bil-quddiem (kopja tal-ittra hawn annessa u mmarkata bhala* **Dokument H***).*

9. ***Illi** l-fond numru mitejn u tnejn u hamsin (252), gja numru mija hamsa u tletin (135), gja numru mija u hamsa u tletin ittra A (135A), Triq Sant' Elena, Tas-Sliema huwa registrat bhala dar ta' abitazzjoni mneħħija mill-kontrol, (kopja tar-registrazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala* **Dokument I***).*

10. ***Illi** l-kera prezenti li qed tithallas mill-intimati John, maghruf bhala Ivan Laferla, u Mary, maghrufa bhala May Laferla, hija ta' elf, u tmienja u sittin Ewro u tmenin centezmu (€1,068.80) fis-sena, maqsumin f'mitejn u sebgha u sittin Ewro u ghoxrin centezmu (€267.20) kull tlett xhur bil-quddiem, bl-ahhar kera mhallsa kienet ghall-perijodu bejn l-ghoxrin (20) ta' Dicembru, 2021, u d-dsatax (19) ta' Marzu, 2022, (kopja tal-ircevuti tal-kera hawn annessi u mmarkati bhala* **Dokument J)***.*

11. ***Illi,** din il-kera ta' elf, u tmienja u sittin Ewro u tmenin centezmu (€1,068.80) fis-sena hija irrizorja fis-suq tal-lum, u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors ta' din il-kawza.*

12. ***Illi** l-Att XXIV tal-2021, jaghti dritt lir-rikorrent jitlob li l-kera ta' dan* **il-Fond** *ta' abitazzjoni tigi riveduta b'effett mill-1 ta' Jannar, 2022, ghal ammont li ma jeccedix 2% (tnejn fil-mija) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuh.*

**Ghaldaqstant***, prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tirrizulta mehtiega, l-esponent jitlob, bir-rispett, li dan ir-Rispettabbli Bord joghgbu:*

(i) ***Iwettaq*** *it-test tal-mezzi tal-intimati skont l-Att XXIV tal-2021 u jiddetermina jekk l-intimati jissodisfawx il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi.*

(ii) *F'kaz li dan il-Bord isib li l-intimati ma jissodisfawx il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi:*

(a) ***Ixolji*** *l-kirja tal-intimati tal-**Fond** mitejn u tnejn u hamsin (252) gja numru mija hamsa u tletin (135), gja numru mija hamsa u tletin ittra A (135A), Triq Sant' Elena, Tas-Sliema.*

(b) ***Jaghti*** *zmien perentorju lill-intimati, li ma jkunx izjed minn sentejn, sabiex jivvakaw minn dan il-**fond**, u jirrilaxxawh battal u f'kundizzjoni tajba favur ir-rikorrent.*

(c) ***Jistabilixxi*** *l-kera pagabbli mill-intimati lir-rikorrent ghall-okkupazzjoni tal-**Fond** mitejn u tnejn u hamsin (252) gja numru mija hamsa u tletin (135), gja numru mija u hamsa u tletin ittra A (135A), Triq Sant' Elena, Tas-Sliema, matul iz-zmien perentorju stabbilit minn dan il-Bord.*

(iii) *F'kaz li dan il-Bord isib li l-intimati jissodisfaw il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, jirrevedi l-kera pagabbli mill-intimati ghar-rigward tal-**Fond** mitejn u tnejn u hamsin (252) gja numru mija hamsa u tletin (135), gja numru mija u hamsa u tletin ittra A (135A), Triq Sant' Elena, Tas-Sliema, ghal ammont sa' tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuh tal-fond imsemmi b'effett mill-1 ta' Jannar, 2022, u jikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrent il-kera hekk riveduta, bl-istess*

*skadenzi kurrenti, jew b'modalitajiet differenti, li dan il-Bord jista' jistabilixxi fid-diskrezzjoni tieghu.*

Ra d-digriet ta' dan il-Bord tad-9 ta' Awwissu 2023[2].

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar datata tal-4 ta' Settembru 2023[3].

Ra r-risposta tal-intimati Laferla mressqa fit-18 ta' Jannar 2024[4] fejn *ad litteram* ġie eċċepit hekk:

1. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet li se jigu msemmija, ir-rikorrent ghandu id-dmir illi jipprezentaw evidenza cara u inekwovika tat-titolu li jzomm, ossia li huwa il-proprjetarji tal-imsemmi fond;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet imsemmija hawn fuq u b'mod sussegwenti, il-konvenuti ma humiex qed jopponu li ssehh l-ewwel talba;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet imsemmija hawn fuq u b'mod sussegwenti, it-tieni talba maghmula mir-rikorrent m'ghandhiex tigi accettata, bl-ispejjez, u dan stante illi l-konvenuti jissodisfaw ir-rekwiziti tat-test tal-mezzi u dan kif ser jigi kkonfermat b'mod adegwat, kemm waqt is-smiegh kif ukoll fit-trattazzjoni tar-rikors:*

[2] A fol 42 tal-proċess.
[3] A fol 45 tal-proċess.
[4] Erronjament mmarkata a fol 55 tal-proċess.

a. *Illi l-konvenuti eccepjenti jhaddnu t-titolu validu ta' lokazzjoni protetta fuq il-proprjeta' bin-numru mitejn u tnejn u hamsin (252), Triq Sant' Elena, Sliema;*
b. *Illi z-zewg konvenuti eccepjenti ghandhom l-eta' ta' 79 sena u il-pensjoni hija l-uniku tip ta' dhul finanzjarju illi jircievu;*
c. *Illi filfatt, il-kapital tal-istess konvenuti ma jeccedix il-massimu msemmi fil-ligi stess u dan il-fatt ser jigi kkonfermat b'mod iktar car fil-mori ta' dina l-kawza;*
d. *Illi l-punt precedenti jikkonferma li l-konvenuti eccepjenti jissodisfaw ir-rekwiziti li jiffurmaw parti mit-test tal-kapital u d-dhul tat-test tal-mezzi, u b'hekk ghandhom dritt jircievu s-salvagwardji kollha li ssemmi l-ligi fejn hemm referenza ghar-rilokazzjoni*

4. *Illi meta jigu kkunsidrati l-valur tal-fond involut kif ukoll il-kera li possibilment tohrog minn dan l-istess valur, ghandu jigi enfasizzat li l-elementi ta' beneficcji, manutenzjoni kif ukoll ammeljoramenti li l-konvenuti wettqu b'mod kontinwu tul is-snin f'din il-proprjeta', ghandhom jittiehdu in kunsiderazzjoni;*

5. *Illi t-tielet talba maghmula mir-rikorrent m'ghandhiex tigi accettata, bl-ispejjez, ghaliex meta wiehed jikkunsidra d-dhul minimu li jircievu l-konvenuti bhala pensjonanti, kif ukoll il-kapital pjuttost zghir li jhaddnu u x-xogholijiet vasti li wettqu f'dana l-fond- jista' jinghad li dawn ta' qabel jaghtu lill-proprjeta' l-valur prezenti- ghandhom jibqghu jaghtu l-kera li jhallsu bhalissa ghaliex m'ghandhomx jigu mgieghla jhallsu kera gholja, apparti li m'ghandhomx jigu mgieghla jhallsu 2% annwalment tal-valur liberu u frank tas-suq u b'hekk, dana l-Onorabbli Bord qieghed jintalab sabiex, skont id-diskrezzjoni lilu moghtija permezz tal-ligi, jipprovdi*

*percentwal ta' kera hafna izghar filwaqt li dejjem izomm f'mohhu d-dhul baxx tal-konvenuti;*

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2024[5], fejn seħħet korrezzjoni fl-okkju tal-kawża u ġew maħtura l-periti Alexei Pace u Stephanie Cassar.

Ra r-rapport Peritali mressaq fl-4 ta' Marzu 2024[6].

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2024[7] fejn ġiet imressqa n-nota ġuramentata tal-intimati bid-dokumentazzjoni rikjesta għat-twettieq tat-test tal-mezzi[8].

Ra n-nota tar-rikorrent mressqa fit-23 ta' April 2024[9] fejn annetta l-affidavit tiegħu.

Ra dak li seħħ fis-seduta tas-26 ta' April 2024[10] fejn seħħet dikjarazzjoni ta' rikonoxximent u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra;**

Illi l-proċeduri odjerni huma bbażati fuq l-Att XXIV tas-sena 2021, liema Att nieda proċedura simili għal dik li kienet daħlet fil-konfront ta' kirjiet ibbażati fuq il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-verità l-Att XXIV tas-sena 2021 wettaq

---

[5] A fol 46 tal-proċess.
[6] A Fol 60 tal-proċess.
[7] A fol 73 tal-proċess.
[8] Nota relattiva tinsab a fol 74 *et seq* tal-proċess.
[9] A fol 282 tal-proċess.
[10] A fol 284 tal-proċess.

ukoll diversi emendi mill-Att preċedenti[11] u dan fi żmien relattivament qasir. Din il-leġislazzjoni hija frott numru konsiderevoli ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nostrana li ddikjarat kemm il-darba ksur tad-drittijiet fundamentali ta' sidien, kemm fir-rigward ta' kirjiet naxxenti mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll dawk li jemerġu mill Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi huwa minnu li l-azzjoni hawn utilizzata tippermetti ċertu ammont ta' diskrezzjoni (u allura responsabbiltà) lil dan il-Bord fl-iffissar tal-persentaġġ li għandu jintuża[12]. Madanakollu, għal dan il-Bord, huwa ċar li dan il-persentaġġ, sakemm verament ma jiġux pruvati xi ċirkostanzi estremi, għandu dejjem ikun viċin il-massimu tiegħu[13]. Naturalment dan huwa aktar aċċentwat f'każ fejn xi sidien, qabel ma jkunu niedu din il-proċedura, jkunu ottjenew dikjarazzjoni li huma sfaw vittmi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Ikun ħażin li f'każ bħal dak, dan il-Bord possibbilment ikun hu stess kaġun ta' kontinwazzjoni ta' dik il-vjolazzjoni billi jiffissa kirja b'persentaġġ tant baxx li l-kirja l-ġdida tispiċċa wkoll tkun waħda irriżorja.

Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet imiss li dawn il-prinċipji jiġu applikati għall-każ odjern.

---

[11] Att XXVII tas-sena 2018.

[12] Dwar dan il-Bord jissenjala li l-leġislatur ħass li fejn qabel, l-Att Nru. XXVII tas-sena 2018 kien jistabbilixxi x'għandu jeżamina l-Bord meta jiġi biex jistabbilixxi l-kirja pagabbli (u dan fil-konfront tal-azzjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta), dan il-fattur tneħħa bl-Att Nru XXIV tas-sena 2021. B'hekk skond il-liġi tal-lum, il-Bord hu fil-libertà li jqis kull fattur li huwa jirritjeni determinanti.

[13] Huma issa diversi s-senjalazzjonijiet magħmula fi proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali fuq dan l-aspett. Fost diversi, il-Bord jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Maria Carmela Buhagiar *et* vs Avukat tal-Istat *et*,** (Rik Kost Nru: 120/20/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Ukoll, issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Fatima Azzopardi *et* vs Carmelo Azzopardi *et*,** (210/2020/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Lil hinn minn deċiżjonijiet f'dik il-kompetenza però, dan il-Bord jagħmel referenza għal dak li ntqal u ġie deċiż fl-ismijiet **Helen Sammut vs Joseph Vella *et*,** (Appell Inferjuri Numru 114/2021LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-15 ta' Marzu 2023, fejn aggravju fuq punt simili ġie miċħud.

Illi dwar it-titolu[14], il-Bord huwa sodisfatt mid-dokumentazzjoni mressqa mir-rikorrenti u anke saret dikjarazzjoni ta' rikonoxximent f'dan is-sens[15]. Il-fatt lir-rikorrent huwa sid il-kera ġiet konfermata wkoll mill-intimat Ivan Laferla fl-affidavit tiegħu.

Illi minn eżami tad-dokumentazzjoni tal-intimati relattivi għat-test tal-mezzi, il-Bord isib li huma jissodisfaw it-test tal-mezzi rikjest, skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11[16].

Illi skond il-Periti Membri Tekniċi, il-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond in kwistjoni, fil-perjodu rilevanti skond il-liġi, jammonta għal erba' mija u erbgħin elf Ewro (€440,000). Tajjeb jingħad li fil-verbal tat-22 ta' Jannar 2024, ġie speċifikat li ma kellux jittieħed qies tal-eventwali potenzjal tal-fond in kwistjoni[17]. Ir-rapport kien wieħed unanimu u għalhekk dan il-Bord qiegħed jaċċetta dik il-konklużjoni[18].

---

[14] Dwar dan, il-Bord jiġbed l-attenzjoni għal-fatt li n-nomenklatura ta' min jista' jħejji azzjoni ai termini tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta inbidel. Filwaqt li l-Att XXVII tas-sena 2018 (relevanti għall-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta) kien isemmi li l-azzjoni li kien "il-propjetarju" li seta' jippreżenta tali rikors, l-Att XXIV 2021, ġustament, illum jutilizza l-kliem "sid il-kera".

[15] Ma saret l-ebda nota ai termini tal-artikolu 695 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan wieħed huwa mistieden jara d-digriet fil-proċeduri **L-Avukat Dottor Richard Bernard bħala Mandatarju speċjali tal-assenti Jakub Tomasz Stechly vs Luma Holding Limited**, (Rik Maħluf Nru: 53/2020) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, nhar il-15 ta' Lulju 2021. Wieħed huwa mistieden ukoll jara, sa fejn huwa hekk applikabbli, dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **Ludgarda Cachia *et* vs Carmela *sive* Carmen Mizzi,** (Rik Nru: 1012/12/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Novembru 2023.

[16] Regolamenti 5(7) u 6(6) magħdud ma dak li jrid ir-Regolament 9.

[17] F'dan is-sens il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza tiegħu fl-ismijiet **Gerald Camilleri *et* vs Alphonse Camilleri *et*,** (Rik Nru: 213/2020) mogħtija nhar is-27 ta' Ottubru 2023 (mhux appellata) li fiha ġew imħaddna l-prinċipji relattivi emerġenti mill-aħħar sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali dwar dan il-punt. Dan il-ħsieb ġie wkoll mtenni fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Bonello *noe* vs Joseph Cardona *et*,** (Rik Nru: 53/20NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar il-25 ta' Jannar 2024.

[18] Artikolu 23(3) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kif diġà ntqal, għal dan il-Bord, persentaġġ viċin il-massimu ta' 2% għandha tkun ir-regola, u f'dan il-każ ma ġiet ippruvata l-ebda ċirkostanza li twassal il-Bord sabiex jistabbilixxi persentaġġ inqas mill-massimu li tippermetti l-liġi[19]. B'hekk, il-kera annwali pagabbli tal-fond in kwistjoni għandu jkun fl-ammont ta' tmint elef u tmien mitt Ewro (€8,800) fis-sena.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi:

1) Jastjeni milli jqis aktar l-ewwel talba billi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament ta' dawn il-proċeduri.
2) Jiċħad it-tieni talba (li ngħatat b'mod alternattiv).
3) Jilqa' t-tielet talba u b'hekk jordna li l-intimati konjuġi Laferla jibdew iħallsu lir-rikorrenti kera għall-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, u ċioé l-fond mitejn u tnejn u ħamsin (252), Triq Sant' Elena, Sliema, fl-ammont ta' tmint elef u tmien mitt Ewro (€8,800) fis-sena, fl-ammont ta' seba' mija, tlieta u tletin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€733.33ċ) fix-xahar, pagabbli kull xahrejn bil-quddiem, u dan mid-data ta' din is-sentenza.
4) Jiċħad l-eċċezzjonijiet sa fejn inkompatibbli ma' dak hawn deċiż.

Minħabba n-natura tal-proċeduri, kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha. L-ispejjeż tal-Awtorità tad-Djar jibqgħu bla taxxa.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

[19] Ara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Rossana Mula *et* vs Maria Theresa k/a Marthese Farrugia,** (Rik App Nru: 346/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-13 ta' Marzu 2024 fejn ġiet mibdula l-pożizzjoni mħaddna mill-istess Qorti f'deċiżjonijiet passati bħal dik fl-ismijiet **Mary Rose Spiteri *et* vs Antoine Farrugia *et*,** (App Ċiv Nru: 265/2021) mogħtija fl-24 ta' Mejju 2023

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur